MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Numru 1212/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**CARMELO BORDA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Carmelo Borda ta’ 38 sena bin Francis u Maria Assunta nee’ Sultana, imwieled Attard fis-16 ta’ Settembru, 1969 u li joqghod fl-indirizz: 358, Triq Fleur Des Lys, B’Kara. Detentur tal-karta ta’ l-identita numru 394469M gie akkuzat:

Talli fis-26 ta’ Awissu 2006, u fiz-zminijiet ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew

ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm250, kif ukoll min-vettura tal-marka Ford Escort li il-valur taghha huwa aktar minn Lm100 izda mhux aktar minn Lm1000 li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JC3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Inoltre innutat li l-Ufficjal Prosekutur, il-parte civile George Neville Mallia presenti u kif ukoll l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum li jaqblu li l-ammont li l-imputat ghandu jaghti lill-imsemmi parte civile hu ta' Lm500 u dana nkwantu ghal Lm250 bhala depositu fuq il-vettura Ford Escort Mark 1 JAP 619 u nkwantu ghar-rimanenti Lm250 bhala valur tal-istess vettura.

Saret trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Carmelo Borda, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi

kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Carmelo Borda ghall-piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Carmelo Borda jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tobbliga lill-imputat Carmelo Borda li jhallas lill-parte civile George Neville Mallia is-somma ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500) u dana nkwantu ghal Lm250 bhala depositu fuq il-vettura Ford Escort Mark 1 JAP 619 u nkwantu ghar-rimanenti Lm250 bhala valur tal-istess vettura u dan fi zmien sitt (6) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmelo Borda l-ispjegazzjonijiet preskritti fis-sub-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------